Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS- SITTA U ĦAMSIN LAQGĦA AGGORNATA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2012

**Ħin:** Mis-4.30pm sas-7.15pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur G. Borg

**Skuzat:** Is-Sur T. Degiorgio

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tat- 23 ta' Jannar 2012 mingħand il-Kunsillier T. Degiorgio fejn informa lill-Kunsill illi kien ser ikun imsiefer fuq xogħol u ma jistax jattendi għal-laqgħa (mehmuza).

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Sitta u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Sitta u Ħamsin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is- Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mil-Vici Sindku, Is-Sur J.Galea, li kien issekondat mil-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li gejna mgħarfin mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' L-Ilma li ħa tingħata *letter of acceptance* lill-kuntrattur li ser ikun qed jaghmel xogħolijiet ta' tisbieħ fuq il-Pjazza ta' Ħal Balzan. B'hekk l-ispejjez ser jitħallsu mill-Korporazzjoni.

Is-Segretarju kiteb lid-Dipartiment ta' L-Artijiet kif ukoll intbgħatet lil- Onorevoli Jason Azzopardi rigward id-Devoluzzjoni ta' l-Art fi Wesgħa Profs Guze Aquilina biex kemm jista' jkun malajr tittieħed deċizjoni u 'l-Kunsill jingħata risposta f'dan ir-rigward.

F'dak li jirrigwarda , ir-rotta tal-karozza tal-linja Numru 55, intbgħatet ittra lis-Sur Manwel Delia biex jintervjeni f'dan il-kaz u suppost għandha ssir laqgħa ma' l-Awtoritajiet konċernati biex tinstab soluzzjoni. Il-Kunsillier Is-Sur G.Borg saqsa fuq il-ħinijiet li għandhom jiġu stipulati għal din ir-rotta u li għandhom ikunu regolari.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wara ħafna tbatija u nsistenza biex ssir din ir-rotta u li 'l-karozza tal-linja tgħaddi kull siegħa din mhux qed tiġi wtilizzata mir-residenti tal-lokal u li sfortunatament qed jinzlu vojta minn dawn l-inħawi. Jekk din is-sitwazzjoni ser tibqa' hekk, dan ma jibqax aktar sostennibbli u nkunu qed nissograw li din ir-rotta titwaqqaf. Is- Sindku talab lis-Segretarju biex tinghata statistika mit-Transport Malta ta' kemm nies qed jużaw din ir-rotta u f'liema ħin tal-ġurnata.

**Sospensjoni ta' L-Agenda**

Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 6 ta' l-agenda qabel xogħol ieħor peress li kien hemm preżenti 'l-Perit A. Bezzina għan- nom ta' Med Developers,Designers and Consultants Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 6 ta' l-*agenda*.

**6. <u>Ħlasijiet dovuti lil-Med Developers,Designers and Consultants Ltd.</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra fattura fejn kien hemm talba għall-ħlasijiet minn Med Developers, Designers and Consultants Ltd fuq it-tlestija tat-Tender għall-Proġett ta' Pjazza Bertu Fenech-ERDF 205 biex setat tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Mil-*quotation* li kien irċieva 'l-Kunsill għall-ammont ta' € 1000 u li kien hemm l-approvazzjoni tagħha (mehmuza), dan l-ammont telgħa għal-kważi ħames darbiet aktar.

Il-Perit Bezzina sostna li kemm il-darba fuq talba tas-Segretarja preċedenti kienet tablet li jsiru emendi fit-Tender għaliex skond hi ma kienux qed isiru skond il-proċeduri stabbiliti mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Is-Sindku talab lill-Perit Bezzina li dan il-kont għandu jiġi kwantifikat u tingħata spjegazzjoni ta' kif il-kumpanija waslet għal-dan l-ammont. Huwa veru li nqalgħu ħafna intoppi kif wkoll saru ħafna laqgħat f'dan ir-rigward pero' żgur li ma jkunx ġustfikat jekk dan ma jiġix kwantifikat għaliex bħala Kunsill għandu jagħti sodisfazzjon u rendikont ta' kif qed jintefqu 'l-flus.

**3. <u>Korrispondenza</u>**

**<u>I</u>ttra Numru 1488/12 –** Talba għall-kumpens minn sewwieq ta' karozza fejn saru xi ħsarat hu u għaddej minn Pjazza Bertu Fenech. Il-Kunsill ddeċieda li jħallas dan il-kumpens.

**Ittra Numru 1487/12** – Approvazzjoni ta'ħatra tas- Segretarju 'l-ġdid mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali b'effett mill-19 ta' Jannar 2012.

**Ittra Numru 1455/12** – Spezzjonijiet mill-MCAA fuq il-Playgrounds li jaqaw taħt il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali x'passi ttieħdu wara li kienu irċevew ir-rapport.

**Ittra Numru 1453/12** – Ħlasijiet tal-Performing Right Society. Il-Kunsill aċċetta li jħallas.

**Ittra Numru 1451/12** – Ittra minn SOS Malta Intercultural Event. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jagħmel appuntament magħhom biex jingħata iżjed tagħrif fuq dan.

**Ittra Numru 1450/12** – Talba biex il-parti t'isfel ta' Triq Guzi Bonnici kantuniera ma Triq Balaguer tiġi one-way. Il-Kunsill lest jikkunsidra din-it-talba imma aktar il-quddiem peress li lejn dawk in-naħat ser jibda il-Proġett tal-Pjazza.

## 4. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku beda biex qal li hekk kif waslet biex tispiċċa din il-Leġislatura, irid li fejn hu possibbli, kwistjonijiet li għadhom pendenti jiġu solvuti biex ma nħalluhomx għal ta' warajna.

L-ewwl waħda, hi il-kwistjoni tal-mains ta' l-ilma li għaddejin minn taħt il-Pjazza biex toħroġ il-*letter of acceptance* lil-Kuntrattur biex jinbidlu dawn il-mains għal-spejjez tal-Korporazzjoni ta' L-ilma.

It-tieni kwistjoni hija id-Devoluzzjoni ta' l-art fi Wesgħa Guze Aquilina. Huwa qal li din qed tieħu wisq fit-tul u ma jistax ikun li sena wara sena din il-kwistjoni tibqa' mdendla u nibqgħu mingħajr risposta. Il-Kunsill qed jissogra li l-Uffiċċju preżenti jispiċċa li jerġa jingħata lura lis-sidien mill-Housing u b'hekk inkunu rridu insibu alternattiva oħra. Jekk din id-devoluzzjoni sseħħ il-Kunsill jkun irid jissellef mill-bank biex jibni dan il-kumpless wara li jkun sar referendum fost ir-residenti ta' Ħal Balzan. F'Kaz li dan ma jseħħx jista' jagħti 'l kaz li 'l-Kunsill il-ġdid jikkunsidra li jidħol għal l-iskema tal- Public Private Partnership biex jiġu rranġati jew mibnija toroq li huma fil-bżonn. Il-Kunsilliera kollha qablu li m'għandux jinħela aktar żmien.

Is –Sindku informa lill-Kunsill li saret talba lil- Transport Malta li 'l-proġett ta' Wied Ħal Balzan li jirrekjedi ammonti kbar ta'flus x'jintefqu, issir min-naħa tagħhom u mhux min-naħa tal-Kunsill.

## 5. Diskussjoni u Aġġudikazzjon tat-Tender dwar l-offerti li ntefgħu rigward "*Project Administrator* fuq il-Proġett ERDF 205"

Il-Kunsill għadda biex jevalwa l-offerti mitfugħa għall- post ta' Project Administrator biex jagħmel xogħol in konnessjoni mal-Proġett tal-Pjazza. L-offerti li ntefgħu kienu tnejn li huma MS Advisory Services għall-prezz ta' € 34,940 u Europe Direct Info. Centre Mosta(Genista) għall-prezz ta' € 28,000. Dawn il-flus ser jintefqu mill-Kunsill għaliex din it-Tender ma ġietx ikkwalifikata biex tingħata mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Fl-evalwazzjoni tat-tenders il-Kunsill ra li dawn iz-żewġ offerti għandhom il-kwalifiki u l-esperjenza meħtiega biex jagħmlu dan ix-xogħol pero' 'l-Kunsill ddeċieda li jmur għal-irħas offerta għar-raġunijiet li l-ispejjez iridu jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill.

## 7. Estimi għas-sena 2012

L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2011, kif emendati fl-aħħar laqgħa tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-format skond ir-regolamenti finanzjarji (mehmuza).

Fuq mozzjoni tas-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2012. L-estimi ġew ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bħala document korrett.

## 8. Business Plan għat-Tlett snin 2012-2014.

Il-*Business Plan* għat-tlett snin 2012-2014 tqiegħed fuq il-mejda (mehmuz). Kopja ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Dr. T. Degiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar, il-Kunsill unanimament approva l-*Business Plan* għat-tlett snin 2012-2014. Il-Business Plan ġie ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bħala document korrett.

## 9. Rapporti ta' L-Effiċienza tas-Segretarju Eżekuttiv tsl-Kunsill

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti ta' l-Effiċienza għas-sena 2011 fir-rigward tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, s-Sna M. Zammit u s-Sinjur Mark Mallia. Tqiegħdu ukoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta' l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta' l-2001 (artiklu 3) li jinsabu mehmuza. Il-Kunsill iddiskuta l-ewwel ir-rapport tas-Segretarja Eżekuttiv preċedenti u approva b'ċertu riservi il-performance bonus ta' 10% tas-salarju. Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti il-materja tas-Segretarju preżenti. F'dan il-ħin is-Segretarju Ezekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jerġa jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Ezekuttiv illi fuq proposta tal-Viċi Sindku J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* ta' 5% tas-salarju. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lill-Kunsill.

## 10. Rapport tal-Ilmenti

**Ilment Nru 17011029154312**: Bankina fi Triq San Valent tiġi rranġata. Il-Viċi Sindku,Is-Sur J.Galea informa lill-Kunsill li din ġiet irranġata.

**Ilment Nru 17012069159368**: Talba biex titpoġġa mera fil kantuniera ta' Triq Il-Qadima ma' Triq Il-Kannizzata. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex din tiġi ordnata u mwaħħla.

**Ilment Nru 17012052159802**: Talba biex titwaħħal shade ta' bozza W047 li qiegħda fi Triq Idmejda. Il-Kunsill approva li ssir.

**Ilment Nru 17012099159956**: Resident jissuġerixxi li qabel ma jsir il-Proġett Nazzjonali tal-Flood Releif jiġi kkonsultat.

**Ilment Nru 17012099159960**: Bżonn ta' Bus Stop ieħor preferibilment quddiem Villa Sunrise. Huwa impossibli li jsir għax hemhekk dejjaq wisq u jekk din issir ikun hemm kongestjoni ta' karozzi. Dan ma jippermettix li jsir.

**Ilment Nru 170120351600745**: Mera li ġiet installata fi Triq Mdina ġiet misruqa. Wara li sar rapport mal-pulizija ġie deċiż li tigi mwaħħla oħra.

## 11. Affarijiet Oħra

Is-Sindku informa lill-Kunsill li 'l-Kunsill ta' Ħ'Attard talbu lill-Kunsill ta' Ħal Lija biex bejn is- 7am u 9am Triq Sant'Antnin u Triq Il-Linja tkun one-way. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta peress li tista' tkun milquta il-lokalita' ta' Ħal Balzan u ma jsib ebda oġġezzjoni li din il-miżura ssir. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jinforma lill-Kunsill ta' Ħ'Attard b'dan.

Il-Kunsillier G. Borg talab li Triq Qarcilla tiġi one-way u Triq San Gabriel tiġi two-way. Is-Sindku informa li għadna qed nistennew risposta mill-Perit Audrey Testaferrata De Noto minn Transport Malta għat-talba tagħna li kienet saret f'Diċembru biex Triq San Gabriel kif wkoll toroq oħra biswit jiġu one-ways.

Is-Segretarju poġġa fuq il-kamra tal-mejda tlett quotations għal-xiri ta' computer u scanner biex ikun jistgħu jużawħ il-Project Leader u Project Administrator għall-proġett ERDF 205.

| | | |
|---|---|---|
| A to Z Electronics | € 760 | AMD Athlon |
| Scan Computers | € 871 | Intel Pentium |
| Klikk Computers | € 853 | Intel Pentium |

Il-Kunsill ddeċieda li jmur għall-offerta ta' Klikk Computers li teknikament hija sistema aħjar minn dik ta' A to Z Electronics li kienet l-irħas.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm talba mill-kuntratturi Regent Developers li qed jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni f'sit fi Triq Tabib J. Zammit biex l-inġenji jkunu jistgħu jgħaddu two-way għax din it-triq hija one-way. Huwa nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa hu u il-Viċi Sindku, mas-sidien, kif ukoll ma' Transport Malta biex tinstab l-aħjar soluzzjoni fl-interess l-ewwel u qabel kollox tar-residenti. Il-Kunsill ddeċieda li jiġu mposti ċertu kundizzjonijiet ma'l-iżviluppatur biex dan l-arraġament jkun jista'jsir.

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar, 2012 fil-5.30pm

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mr. M. Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data